

Brussell, 17 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10589/26

SOC 400
EMPL 215

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta'
Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-Belġju

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza
għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali
għall-Belġju**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-
29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali¹, u b'mod partikolari l-
Artikolu 75 tiegħu,

¹ ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-10 ta' Ottubru 2025², il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-perjodu mill-20 ta' Ottubru 2025 sad-19 ta' Ottubru 2030.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Ineke DE BISSCHOP sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem.
- (3) Il-Belġju nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2025 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali (ĠU C, C/2025/5609, 15.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/5609/oj>).

Artikolu 1

Is-Sa Monica DE JONGHE hija maħtura membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali minflok is-Sa Ineke DE BISSCHOP għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2030.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
